Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Ottubru, 2026

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

30th October, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2823

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Settembru, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 121/2026BS fl-ismijiet Christine Grixti vs Anthony John Grixti, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Anthony John Grixti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ġuramentat numru 121/2026BS fl-ismijiet Christine Grixti (KI 412098M) vs Anthony John Grixti (KI 201493M) fl-atti tar-rikors numru 121/2026BS, ppreżentata fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Ġunju, 2026, ir-rikorrenti Christine Grixti (KI 412098M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, għar-raġunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eċċessi, sevizzi u inġurji gravi, kommessi fuq martu, konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u għall-finijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi (Kap. 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun kunsidrat li minnha kien ħati tal-firda;

2. Ixxolji u tittermina l-komonjuni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġi stabbilit porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tiġi stabbilita data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti, u dan okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq kwalsijasi att sussegwenti għall-istess xoljiment;

3. Tiddikjara li d-dar matrimonjali hi parafernali tal-mara u li m'għandhiex tibqa' titqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u għal kull bon fini, tiddikjara illi l-konvenut m'għandu ebda drittijiet fuq l-istess fond;

4. Tiddividi l-ġid komuni tal-kontendenti li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wara anke li terġa' tqies il-fatt illi ż-żwieġ tkisser tort tal-intimat;

By means of a decree of the 29th September, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Christine Grixti vs Anthony John Grixti, Application Number 121/2026BS, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Anthony John Grixti in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a sworn application in the names Christine Grixti (ID 201493M) vs Anthony John Grixti (ID 201493M), in the acts of the application number 121/2026BS filed in the Civil Court (Family Section), on the 17th June, 2026, the applicant Christine Grixti (ID 412098M) requested this Honourable Court so that:

1. Declare and pronounce the personal separation between the parties, for reasons imputable exclusively to the defendant amongst which excesses, services and grievous injuries, committed on his wife, as a consequence of which the two irretrievably broke down and for the purposes of Article 48 of the Civil Code (Cap. 16) establish the date when the same defendant is to be considered guilty of the separation;

2. Dissolve and terminate the Community of acquests between the parties and liquidate the same in such a manner that divided portions are established and assigned to the parties, and by also establishing a date from when the defendant is deemed to have forfeited any acquisition made by the work and skill of the applicant, and this if necessary by the operation of an architect nominated and by the appointment of a notary to publish the opportune deed and of a curator to represent the defendant in the eventual contumacy above any act subsequent to the same dissolution;

3. Declare that the matrimonial home is paraphernal to the wife and that it should no longer be considered as the matrimonial home of the parties and for all intents and purposes, declare that the defendant has no rights on the same premises;

4. Divide the common interest of the parties which is not forming part of the Community of acquests after having reconsidered the fact that the marriage broken due to the fault of the respondent;

5. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali tagħha li se jirriżultaw waqt il-mori tal-kawża kif ukoll l-ispejjeż li saru daparti tal-istess attriċi, u dan fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-esponenti dik is-somma li għandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali suddetti;

6. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluż il-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

7. Tiddikjara illi r-rikorrenti tirritorna lura għal kunjoma xebba Micallef;

8. Tagħti kull provvediment ieħor xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-proċeduri tal-Medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Christine Grixti vs Anthony John Grixti (Rikors numru 121/2026BS) hija differita għat-3 ta' Novembru, 2026, fit-8.15 a.m.

Rikorrent: Hannewija, Triq Ta' Ciantar, Iż-Żurrieq

Notifika: Anthony John Grixti, 146, Ave Maria, Tiq G. M. Callus, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 27 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Order the defendant to refund to the applicant her paraphernal and dotal assets and credits which shall result during the proceedings as well as the expenses incurred on the part of the same plaintiff, and this within a short and peremptory time, which shall be fixed to him by this Court and in default of the defendant to do so, condemn him to pay the applicant that sum which shall be so liquidated, if necessary by the operation of referees, representing the value of the paraphernal property above mentioned;

6. Apply in toto or in parte against the defendant the effects of the provisions of Articles 48 to 52 of Cap. 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including that he lost every right to inherit the applicant;

7. Declare that the applicant returns to her maiden surname Micallef;

8. Give any other appropriate and opportune provision.

With costs including those of the Mediation procedures against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Christine Grixti vs Anthony John Grixti (Application number 121/2026BS) has been postponed for hearing to the 3rd November, 2026, at 8.15 a.m.

Applicant: Hannewija, Triq Ta' Ciantar, Żurrieq

Notification: Anthony John Grixti, 146, Ave Maria, Tiq G. M. Callus, Żurrieq

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 27th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2824

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Settembru, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 1255/2026JD, fl-ismijiet: Lydon Debono et vs Fiona Cng Lyndley et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Lydon Debono (417998M) et vs Fiona Cng Lyndley (passaport Brittaniku 144371883) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Settembru, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-ħruġ dan il-Mandat ta' Inibizzjoni u żżomm lill-intimati milli jbigħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratwitu,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd September, 2026, in the records of Sworn application number 1255/2026JD, in the names: Lydon Debono et vs Fiona CNG Lyndley et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents.

By means of an application in the names: Lydon Debono (417998M) et vs Fiona CNG Lyndley (British passport 144371883) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 4th September, 2026, the applicants asked this Honourable Court to order the issuing of this Warrant of Prohibitory Injunction and hold the respondents from selling, alienating, transferring or disposing inter vivos both by onerous or gratuitous

inkella b'xi mod ieħor, inkella b'xi mod jgħabbu, joħolqu piż jew drittijiet reali, u jew personali fuq il-fond bl-arja u s-sottoswol relattivi, ossija d-dar bil-ġnien adjaċenti, uffiċjalment immarkat bin-numru sebgħa (7) u magħrufa bl-isem 'Aum Shanti', li qabel kienet magħrufa bħala 'Chance House' fi Triq Selmun, Selmun, limiti tal-Mellieħa (hekk kif jidher mis-site plan anness u mmarkat bħala Dok. A), inkella b'xi mod jippermettu lil ħaddieħor jagħmel hekk, u/jew milli b'xi mod jaġixxu b'mod ieħor b'tali mod li jrendu impossibbli, ineffettiv u/jew imprattikabbli l-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-fond suriferit, skont il-kundizzjonijiet maqbula fil-konvenju datat tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) redatt minn nutar Dott. Dorian Sciberras (Anness u mmarkat bħala Dok. B);

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament;

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1255/2026JD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Novembru, 2026, fil-11.00 a.m.

Notifika Intimat: Fiona Cng Lyndley (passaport Brittaniku numru 144371883), 7, Aum Shanti, Triq Selmun, Selmun limiti tal-Mellieħa

Peter Cng Lyndley (passaport Brittaniku numru 126541873), 7, Aum Shanti, Triq Selmun, Selmun limiti tal-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

title, otherwise, or in any other way, burden, create a real, personal burden or rights on the premises with the relative airspace and subsuol, that is the house with adjacent garden, officially marked with number seven (7) and known as 'Aum Shanti', formerly known as 'Chance House' in Triq Selmun, Selmun, limits of Mellieħa (as shown on the attached site plan and marked as Doc. A), otherwise allow others to do so, and/or to otherwise act in such a manner as to render impossible, ineffective and/or impracticable the publication of the final deed of sale and transfer of the premises above mentioned, in accordance with the conditions agreed in the preliminary agreement dated thirty (30) June of the year two thousand and twenty-five (2025) drawn up by Notary Dr Dorian Sciberras (Annex and marked as Doc. B);

That this warrant should be provisionally upheld;

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 1255/2026JD in the names mentioned above is postponed to the 11th November, 2026, at 11.00 a.m.

Notification respondent: Fiona Cng Lyndley (passaport Brittaniku numru 144371883), 7, Aum Shanti, Triq Selmun, Selmun l/o Mellieħa

Peter Cng Lyndley (passaport Brittaniku numru 126541873), 7, Aum Shanti, Triq Selmun, Selmun l/o Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 27th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2825

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-22 ta' Lulju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 227/2026CG, fl-ismijiet: Michael Zammit et vs l-Avukat tal-Istat et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Michael Zammit (520370M) et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-13 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 22nd July, 2026, in the records of Sworn application number 227/2026CG, in the names: Michael Zammit et vs State Advocate et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Michael Zammit (520370M) et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction), on the 13th July, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti l-fatti su esposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Mifsud għall-appartament numru tnejn fl-indirizz 45, Michael, Triq id-Dragun, Ħal Qormi, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandhom jingħataw r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluż u b'mod partikolari l-iżgumbrament tal-intimati Mifsud mill-fond de quo;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni wkoll ai termini tal-liġi;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-liġi;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 227/2026CG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-5 ta' Novembru, 2026, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Emanuel Mifsud (47554M), Apartment 2, 45, Micheal, Triq id-Dragun, Ħal Qormi

Carmen Mifsud (721561M), Apartment 2, 45, Micheal, Triq id-Dragun, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Declare and decide that in regard to the applicant the facts above mentioned and the operations of the Ordinance regulating the renewal of the Lease of the Building or rather the Chap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, by the effective law operations are granting an indefinite right of relocation to the respondents Mifsud for apartment number two at 45, Michael, Triq id-Dragun, Ħal Qormi, and this in violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned inter alia in the First Article of the First Protocol of the European Convention and of Article 14 of the same Convention, and thus for the reasons above exposed and those that shall result during the pleadings of this application, the applicants are to be given all the remedies that this Honourable Court deems fit in the situation including and in particular the eviction of the respondents Mifsud from the premises de quo;

2. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and damages suffered by the applicant as a consequence of the operations of the Chap. 69 and Act X of 2009 of the Laws of Malta for not keeping a balance between the rights of the owner and those of the lessee because the rent payable in terms of the laws in force does not reflect the market nor the rental value of the property in question also in terms of law;

3. Liquidate the same compensation and damages as suffered by the applicants, also in terms of law;

4. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages in terms of law, with legal interest from the date of filing of the present application till the date of effective payment;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 227/2026CG in the names mentioned above is postponed to the 5th November, 2026, at 9.10 a.m.

Notification respondent: Emanuel Mifsud (47554M), Apartment 2, 45, Micheal, Triq id-Dragun, Hal-Qormi

Carmen Mifsud (721561M), Apartment 2, 45, Micheal, Triq id-Dragun, Ħal Qormi

Registry of the Superior Courts, today 27th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2826

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Lulju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th July, 2026, in the records of Sworn application

535/2025FDP, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs AFX Investments Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs AFX Investments Limited (C108751) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv;

2. Tordna li kopja tar-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 535/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-10 ta' Novembru, 2026, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: AFX Investments Limited (C108751), Valley Lodge, Tal-Palma, limiti tal-Imġarr

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

number 535/2025FDP, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs AFX investments Limited the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs AFX Investments Limited (C108751) filed in the Civil Court, First Hall, on the 23rd May, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the registration of the document annexed to the application as an official copy thereof so that the same document constitutes an executive title;

2. Order that a copy of the application and of the document attached thereto be notified to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 535/2025FDP in the names mentioned above is postponed to 10th November, 2026, at 10.00 a.m.

Notification respondent: AFX Investments Limited (C108751), Valley lodge, Tal-Palma, limits of Mġarr

Registry of the Superior Courts, today 27th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2827

ARB/C050/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 580/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Clayton Camilleri)

Kontra

MARQUITA FARRUGIA;

U

ARB/C050/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 19th October, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 580/2020 in the case:

The Police
(Inspector Clayton Camilleri)

Versus

MARQUITA FARRUGIA;

AND

KURT MUSCAT, park attendant, ta' 33 sena, iben Michael u Josephine xebba Falzon, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-22 ta' April, 1993, residenti fi 23, Monroe, Triq Leli Tabone, Ħaż-Żabbar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 184993M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil KURT MUSCAT sabiex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa ma' Transport Malta biex ibiddel l-istatus tal-mutur Yamaha GPD125-A (NMAX) imsemmi fir-rikors datat id-12 ta' Ottubru, 2026, jinħareġ mill-istatus 'Vehicle Garaged' u sabiex tinħareġ jew tiġġedded il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tiegħu, tinħareġ jew tiġġedded il-polza tal-assigurazzjoni tiegħu, jitħallsu d-drittijiet tal-liċenzja u l-premiums tal-assigurazzjoni relattivi, u sabiex juża l-imsemmi mutur fit-triq, sakemm jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha applikabbli tal-liċenzjar, tal-assigurazzjoni u dawk legali, bil-kundizzjoni li l-mutur jibqa' suġġett għall-Ordni ta' Qbid u Ffriżar fis-seħħ, inklużi r-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment jew id-dispożizzjoni tiegħu.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Gabriella Vella, LLD), fit-2 ta' Novembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Marquita Farrugia u KURT MUSCAT.

Illum 20 ta' Ottubru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

KURT MUSCAT, park attendant, 33 years, son of Michael and Josephine née Falzon, born in Tal-Pietà, Malta, on the 22nd April, 1993, residing at 23, Monroe, Triq Leli Tabone, Ħaż-Żabbar, and holder of Maltese identity card bearing number 184993M.

The Court AUTHORISED KURT MUSCAT to make the necessary arrangements with Transport Malta to change the status of the Yamaha GPD125-A (NMAX) motorcycle mentioned in the application dated 12th October, 2026, from 'Vehicle Garaged' and to obtain or renew its road licence, obtain or renew its insurance policy, pay the relevant licence fees and insurance premiums, and use the said motorcycle on the road, provided that all applicable licensing, insurance and legal requirements are satisfied, on condition that the motorcycle remains subject to the existing Seizing and Freezing Order, including the restrictions on its transfer or disposal.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD), on the 2nd November, 2020, which was published in the Government Gazette on the 5th November, 2020 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Marquita Farrugia and KURT MUSCAT.

Today 20th October, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2828

ARB/C057/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Kumpilazzjoni Numru 560/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JONATHAN MIZZI, impjegat, ta' 52 sena, iben Joseph Mizzi u l-mejta Maria Mizzi xebba Grima, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-12 ta' Settembru, 1974, u residenti fi 48, Triq l-Imsaġar, Ħ'Attard u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 428074M.

ARB/C057/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th October, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). Compilation Number 560/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JONATHAN MIZZI, employee, 52 years, son of Joseph Mizzi and the late Maria Mizzi née Grima, born in Tal-Pietà, Malta, on the 12th September, 1974, and residing at 48, Triq l-Imsaġar, Ħ'Attard, and holder of Maltese identity card bearing number 428074M.

GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

AKAKUS INTERNATIONAL LTD;

CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

DUNCAN MANGION;

CARMEL BUSUTTIL;

TIMOTHY GALEA;

JONATHAN THEUMA;

EDWARD MIFSUD;

U

MARICA BUGEJA;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil JONATHAN MIZZI sabiex iħallas l-ammont ta' €476 lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, sabiex tigi riżolta l-claim bin-numru 10255683, mill-kont bankarju li jispiċċa bin-numri -2010 miżmum mal-Bank of Valletta plc, u awtorizzat ukoll lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana sabiex jirċievi l-imsemmi ammont f'isem JONATHAN MIZZI.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Noel Bartolo, LLD), fl-10 ta' Lulju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Lulju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' JONATHAN MIZZI, Greta sive Greta Josephine Mizzi, Otman Ali Otman Abdulkader, Akakus International Ltd, Convey Shipping & Trading Agency Ltd, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, Timothy Galea, Jonathan Theuma, Edward Mifsud u Marica Bugeja.

Illum 20 ta' Ottubru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

AKAKUS INTERNATIONAL LTD;

CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

DUNCAN MANGION;

CARMEL BUSUTTIL;

TIMOTHY GALEA;

JONATHAN THEUMA;

EDWARD MIFSUD;

AND

MARICA BUGEJA;

The Court AUTHORISED JONATHAN MIZZI to pay the amount of €476 to the Commissioner for Tax and Customs, representing the settlement of claim number 10255683, from the bank account ending in -2010 and held with Bank of Valletta plc, and further authorised the Commissioner for Tax and Customs to receive the said amount on behalf of JONATHAN MIZZI.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Noel Bartolo, LLD) on the 10th July, 2024, which was published in the Government Gazette on the 19th July, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to JONATHAN MIZZI, Greta sive Greta Josephine Mizzi, Otman Ali Otman Abdulkader, Akakus International Ltd, Convey Shipping & Trading Agency Ltd, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, Timothy Galea, Jonathan Theuma, Edward Mifsud and Marica Bugeja.

Today 20th October, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2829

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ottubru, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4946/2026, fl-ismijiet Eleven Peaks Ltd vs Malcolm Spiteri et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur

By means of a decree of the 27th October, 2026, in the records of the judicial letter number 4946/2026, in the names Eleven Peaks Ltd vs Malcolm Spiteri et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication

tal-Artikolu 2130 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' PMG Investment Solutions AG.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 23 ta' Ottubru, 2026

Lil:

1) Malcolm Spiteri, 5, Adiel Crt, Fl. 3, Triq Għar id-Dud, Tas-Sliema, Malta

2) Mario Mizzi, 12, Triq il-Ħemel, Is-Swieqi, Malta

3) Philippe Warzee, BellaVista, Flat 3, Triq Papa Piju XII L-Imġarr MGR 1010, Malta

4) ARX Trustees Limited
188, Vjal il-21 ta' Settembru, In-Naxxar NXR 1012, Malta

5) WH Management Ltd, Livell 5, Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta;

6) KPMG Malta, 92, Triq il-Marina, Tal-Pietà PTA 9044, Malta

7) Special Themes SCC Ltd, on behalf of Alto Data Research Cell, 168, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta VLT 1467, Malta

8) PMG Investment Solutions AG, Dammstrasse 23, 6003 Zug

(kollettivament imsejħa l-'Intimati')

1. Illi permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà mittenti, Eleven Peaks Ltd (C97870), bl-uffiċċju reġistrat sitwat Trident Park, Notabile Gardens No. 2, Level 3, Zone 2, Central Business District, Triq l-Imdina, Birkirkara CBD 2010, Malta (minn hawn 'il quddiem 'Eleven Peaks' u/jew l-'Esponenti'), tirreferi għall-fondi tagħha fis-somma stmata ta' madwar CHF60,400,000 (madwar €65 miljun bir-rata tal-kambju tal-lum), taħt diversi ftehmiet u skemi mressqa mit-terzi msemmija fl-Ittra Uffiċjali nru 3233/2026, flimkien ma'/jew mill-Intimati jew min minnhom, u li jinvolvu b'xi mod l-aġir tal-Intimati jew min minnhom. Minkejja diversi talbiet għall-ħlas lura u/jew għall-aċċess, l-Esponenti, sal-lum, m'għandha l-ebda aċċess, kontroll jew viżibbiltà tal-fondi tagħha.

2. Illi l-Esponenti qed tkompli ssofri dawn u danni oħrajn bħala riżultat dirett jew indirett tal-aġir illeċitu, negliġenza, imġiba skorretta, intenzjoni frawdolenti u/jew l-użu ta' mezzi qarrieqa lejha, kif ukoll tal-ksur flagranti tal-obbligi fiduċjarji

for the purpose of effecting service on the respondent PMG Investment Solutions AG in terms of Article 2130(2) of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd October, 2026

To:

1) Malcolm Spiteri, 5, Adiel Crt, Fl. 3, Triq Għar id-Dud, Tas-Sliema, Malta

2) Mario Mizzi, 12, Triq il-Ħemel, Swieqi, Malta

3) Philippe Warzee, BellaVista, Flat 3, Triq Papa Piju XII, Mġarr MGR 1010, Malta

4) ARX Trustees Limited
188, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar NXR 1012, Malta

5) WH Management Ltd, Level 5, Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

6) KPMG Malta, 92, Triq il-Marina, Tal-Pietà PTA 9044, Malta

7) Special Themes SCC Ltd, on behalf of Alto Data Research Cell, 168, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1467, Malta

8) PMG Investment Solutions AG, Dammstrasse 23, 6003 Zug

(collectively referred to as the 'Recipients')

1. That by means of this present judicial letter, the sending company, Eleven Peaks Ltd (C97870), with registered office situated at Trident Park, Notabile Gardens No. 2, Level 3, Zone 2, Central Business District, Triq l-Imdina, Birkirkara CBD 2010, Malta (hereafter 'Eleven Peaks' and/or the 'Claimant'), refers to its holdings in the estimated sum of circa CHF60,400,000 (circa €65 million as at today's rate of conversion), under various agreements and schemes brought forth by the third parties mentioned in Judicial Letter number 3233/2026 and/or the Recipients or any one of them, and involving conduct of the Recipients or any one of them. Despite various demands for repayment, and/or access, the Claimant has, to date, not been able to access any of its holdings.

2. That the Claimant continues to suffer these and other damages as the direct or indirect result of the unlawful acts, negligence, improper conduct, fraudulent intent and/or employment of deceitful means towards it, as well as

lejha u/jew tal-parteċipazzjoni konsapevoli fil-ksur tal-obbligi fiduċjarji lejha, mit-terzi imsemmija fl-Ittra Uffiċjali numru 3233/2026, u/jew mill-Intimati jew min minnhom, kif se jiġi ulterjorment spjegat f'din l-ittra uffiċjali;

Sfond

3. Illi Eleven Peaks hija kumpanija b'responsabbiltà limitata inkorporata skont il-liġijiet ta' Malta. Il-kapital azzjonarju kollu ta' Eleven Peaks huwa miżmum minn Special Themes SCC Ltd (C84718), 'securitisation cell company' Maltija, għan-nom tal-Alto Data Research Cell ('Special Themes'). Sal-4 ta' Awwissu, 2026, madwar 0.16% tal-kapital azzjonarju ta' Eleven Peaks kien miżmum minn WH Management Ltd bħala nominee permezz ta' ishma bi dritt tal-vot, filwaqt li Special Themes kienet iżżomm madwar 99.84% tal-kapital azzjonarju permezz ta' ishma mingħajr dritt tal-vot.

4. L-opportunità ta' investiment deskritta hawn taħt inġiebet inizjalment minn Karlheinz Haunschild ('Haunschild') u Giancarlo Tottoli ('Tottoli') lil ALTO Capital Partners AG, li fiha Gregor Guggisberg ('Guggisberg') kien, u Frank Schubert ('Schubert') għadu, azzjonist. ALTO Capital Partners AG imbagħad fl-aħħar ressqet l-opportunità ta' investiment lil PMG Investment Solutions AG u lil Special Themes;

5. Eleven Peaks ġiet inkorporata minn Haunschild, permezz ta' KPMG AG, ġewwa l-Iżvizzera, u KPMG Malta. Haunschild, li inizjalment kellu 100% tal-ishma bid-dritt għall-vot ('voting shares') f'Eleven Peaks sas-26 ta' Jannar, 2024, direttament jew indirettament għażel id-diretturi preċedenti ta' Eleven Peaks (inklużi inter alia Mario Mizzi and Philippe Warzee) u effettivament ikkontrolla d-deċiżjonijiet tagħha, partikolarment fir-rigward tal-attivitajiet ta' investiment tagħha, u gawda minn setgħat wiesgħa sabiex jeffettwa pagamenti mill-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks bis-saħħa ta' prokura fuq il-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks. Haunschild, Guggisberg u Tottoli, għalkemm qatt ma kienu formalment diretturi ta' Eleven Peaks, aġixxew mingħajr ebda dubju bħala shadow directors. Sabiex jiġi evitat kull dubju, Schubert, li ġie formalment maħtur fil-Bord tad-Diretturi ta' Eleven Peaks fit-8 ta' April, 2026, sabiex jassisti fl-irkupru tal-fondi ta' Eleven Peaks li ġew miżapproprjati, fl-ebda mument, inkluż qabel il-ħatra tiegħu bħala direttur, ma eżerċitax kontroll fuq Eleven Peaks bħala shadow director.

6. Haunschild u Tottoli jservu wkoll fuq il-Bord tad-Diretturi ta' GPG Sports AG u jikkontrollaw il-grupp aktar wiesa' ta' GPG (il-'Grupp GPG'). Il-Grupp GPG jinkludi, mingħajr limitazzjoni, lil GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, GPG Holding AG f'likwidazzjoni, u GPG General Power Group GmbH f'likwidazzjoni. Fil-bidu tal-investiment, KPMG AG ħejjiet dokumentazzjoni li turi, inter alia, il-pożizzjoni finanzjarja, l-involviment u s-suċċess

flagrant breach of fiduciary duties towards it and/or knowing participation in the breach of fiduciary duties towards it, by the third parties mentioned in Judicial Letter number 3233/2026 and/or the Recipients or any one of them, as will be further explained in this judicial letter.

Background

3. Eleven Peaks is a limited liability company incorporated under the laws of Malta. All of Eleven Peaks' share capital is held by Special Themes SCC Ltd (C84718), a Maltese securitisation cell company, on behalf of the Alto Data Research Cell ('Special Themes'). Until 4th August, 2026, approximately 0.16% of Eleven Peaks' share capital was held by WH Management Ltd as a nominee through voting shares, while Special Themes held approximately 99.84% of the share capital through non-voting shares;

4. The investment opportunity described below was initially brought by Karlheinz Haunschild ('Haunschild') and Giancarlo Tottoli ('Tottoli') to ALTO Capital Partners AG, of which Gregor Guggisberg ('Guggisberg') was, and Frank Schubert ('Schubert') still is, a shareholder. ALTO Capital Partners AG in turn brought the investment opportunity to PMG Investment Solutions AG and Special Themes;

5. Eleven Peaks was incorporated by Haunschild, through KPMG AG, Switzerland, and KPMG Malta. Haunschild, who initially held 100% of the voting shares in Eleven Peaks until 26th January, 2024, directly or indirectly handpicked the former directors of Eleven Peaks (including inter alia Mario Mizzi and Philippe Warzee) and effectively controlled its decisions, particularly with regards to its investment activities, and enjoyed broad powers to effect payments from Eleven Peaks' bank accounts by virtue of a power of attorney over Eleven Peaks' bank accounts. Haunschild, Guggisberg and Tottoli, while never formally directors of Eleven Peaks, acted in no uncertain terms as shadow directors. For the avoidance of doubt, Schubert, who was formally appointed to the Board of Directors of Eleven Peaks on 8th April, 2026, to support with the recovery of Eleven Peaks' misappropriated funds, has at no time, including prior to his appointment as director, exercised control over Eleven Peaks as a shadow director;

6. Haunschild and Tottoli also sit on the Board of Directors of GPG Sports AG and control the wider GPG group of companies (the 'GPG Group'). The GPG Group includes, without limitation, GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, GPG Holding AG in liquidation, and GPG General Power Group GmbH in liquidation. At the outset of the investment, KPMG AG prepared documentation showing, inter alia, GPG Holding AG's and other companies

ta' GPG Holding AG u ta' kumpaniji oħrajn tal-Grupp GPG fl-imħatri sportivi ('sports betting'). Sa ftit żmien ilu, Malcolm Spiteri kien jokkupa l-kariga ta' direttur ta' NTEC Ltd. Barra minn hekk, huwa direttur ta' Mavent Ltd;

7. L-attività ta' investiment ta' Eleven Peaks tikkostitwixxi l-attiv sottostanti tal-Alto Data Research Notes maħruġa mill-Alto Data Research Cell ta' Special Themes. Fis-16 ta' Lulju, 2021, Special Themes, li aġixxiet fir-rigward tal-Alto Data Research Cell (l-'Issuer'), ħarġet l-Alto Data Research Note A (ISIN CH1122532349) u l-Alto Data Research Note P (ISIN CH1122532356) (in-'Note(s)' u d-detentur(i) tan-Notes in-'Noteholder(s)');

8. Il-każ ta' investiment ippreżentat lil Eleven Peaks minn Haunschild u Tottoli kien jikkonsisti fit-tqegħid ta' mħatri fuq avvenimenti sportivi magħżula permezz ta' allegat sensar Tork, Brokerstarz, li allegatament kien jopera permezz ta' Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi ('Yildiz'), bl-użu ta' software algoritmiku żviluppat minn tliet xjenzati, Dott. Raffaele Alessio Poli, Dott. Roger Besson u Dott. Loïc Ravenel, li jiffurmaw parti mis-CIES Football Observatory, grupp ta' riċerka fi ħdan l-International Centre for Sports Studies (CIES), ċentru ta' studju indipendenti li jinsab f'Neuchâtel, l-Iżvizzera. Tottoli kien iservi fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Sports Research Team SA (illum f'likwidazzjoni) flimkien ma' Dott. Raffaele Alessio Poli u Dott. Roger Besson. Mill-4 ta' Settembru, 2025, Tottoli, Dott. Raffaele Alessio Poli u Dott. Roger Besson aġixxew bħala stralċarji tal-kumpanija. Muhammet Aldemir kien direttur u l-uniku azzjonist ta' Yildiz;

9. Total ta' CHF26,889,111 u €1,900,000 tħallas minn Eleven Peaks lil diversi entitajiet tal-Grupp GPG bejn is-7 ta' Ottubru, 2021 u l-24 ta' Mejju, 2024, inkluż lil GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, u Clarency Singapore Pte Ltd (fornitur ta' servizzi ta' pagament li x'aktarx irċieva l-fondi f'isem GPG Sports AG). Il-maġġoranza kbira ta' dawn il-pagamenti ġew esegwiti direttament minn Haunschild innifsu permezz tal-online banking, bl-użu tal-prokura li kellu fuq il-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks, mingħajr ma ġiet ippreżentata lil Eleven Peaks ebda dokumentazzjoni ta' sostenn bħal fatturi jew talbiet għall-ħlas. Il-bqija tal-pagamenti magħmula minn Eleven Peaks lill-Grupp GPG ġew esegwiti permezz tal-online banking minn Guggisberg, li huwa wkoll kellu prokura fuq il-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks;

10. Barra minn hekk, bejn it-8 ta' April, 2022 u l-25 ta' Ottubru, 2023, Eleven Peaks għamlet pagamenti ulterjuri li jammontaw għal €7,846,000 lil Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi ('Yuka'), li tagħha Yusuf Kole kien id-direttur u l-uniku azzjonist, u lil Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi ('Ucan'), li tagħha Muhammet Fatih Ucan kien id-direttur u l-uniku azzjonist, abbażi ta' ftehmiet li Haunschild

6. Give all the necessary orders it deems fit so that the judgement of the Court can be executed.

With costs against the respondents, who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

The Application number 567/2026FDP, in the names above mentioned is postponed to the 5th November, 2026, at 9.30 a.m.

Applicants: John Borg u Agnes Borg, 21, Triq Għajn Żejtuna, Mellieħa

Notification: Saviour sive Sammy Gatt, 22, Triq Għajn Żejtuna, Mellieħa

Central Mediterranean Development Corporation Limited 30, Triq l-Arċisqof, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 29th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2851

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2026, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens, tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u ta' fidi ta' ċens bin-numru 440/2026 FG fl-ismijiet 'Joseph Attard et vs Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens', intitolati għall-ħlas taċ-ċens annwu u perpetwu, liema ċedola ġiet ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 28th of October, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 28th of October, 2026, it was ordered that a deputy curator be appointed in accordance with the law to represent the unknown owners entitled to receive the ground rent, of the property hereunder described in the acts of the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 440/2026 FG in the names 'Joseph Attard et vs Deputy Curator nomine' entitled to the payment of the annual and perpetual ground rent, which schedule of deposit was filed on the 22nd of October, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

Iċ-Ċedola taqra hekk:

Ċedola ta' depożitu u ta' fidi ta' ċens tal-Av. Georgine Grech nomine;

Jesponu bil-qima:

Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond numru erbgħa (4), Triq Klula, Santa Luċija, Ta' Kerċem – il-proprjetà murija fuq il-pjanta annessa bħala A;

Illi meta dan il-fond kien ġie akkwistat mill-predeċessur fit-titlu tagħhom permezz ta' rkupru magħmul fil-Qorti ta' Għawdex fl-għoxrin (20) ta' Frar tal-elf disa' mija u tnejn u tletin (1932), ġie dikjarat li l-proprjetà hija suġġetta għal ċens annwu u permetwu ta' sitt xelini u erbgħa (4) u tmintax minn dsatax (18/19) pence (Dok. B);

Illi din ir-rata ta' ċens hija ekwivalenti għal żewġ ewro (€2.00);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens;

Illi s-somma ta' żewġ ewro (€2.00) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erbgħin ewro (€40.00);

Illi inoltre l-esponenti jixtiequ jippreżentaw ħlas ta' ħames arretrati ta' tali ċens, liema arretrati jammontaw għal għaxar ewro (€10.00);

Illi għalhekk l-esponenti se jiddepożitaw l-ammont totali ta' ħamsin ewro (€50.00).

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw a favur tal-intimat is-somma ta' ħamsin ewro (€50.00) bħala fidi ta' dan iċ-ċens u arretrati ta' ħlas ta' ċens, sabiex din tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimat wara li titħalla riċevuta skont il-liġi.

(ft) Av. Georgine Grech, Grech & Grech Associates, Guza Court/1, Triq Ta' Kerċem, Ir-Rabat, Għawdex

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun

The Schedule reads as follows:

Schedule of deposit and redemption of ground rent of Adv. George Grech nomine;

Respectfully submit:

That the applicants are the owners of the property numbered four (4), Triq Klula, Santa Luċija, Ta' Kerċem – the property shown on the annexed plan as as 'A';

That when this property was acquired by their predecessor in title by means of a recovery (irkupru) effected in the Court of Gozo on the twentieth (20th) of February one thousand nine hundred and thirty-two (1932), it was declared that the property is subject to an annual and perpetual ground rent of six shillings and four (4) and eighteen of nineteen (18/19) pence (Doc. B);

That this ground rent amount is equivalent to two euro (€2.00);

That the applicants wish to avail themselves of the right granted to them by Article one thousand five hundred and one (1501) of the Civil Code to redeem this ground rent;

That the sum of two euro (€ 2.00), capitalized at five per cent (5%), amounts to forty euro (€40.00);

Furthermore, the applicants wish to tender payment for five years of arrears of the said ground rent, which arrears amount to ten euro (€ 10.00);

Consequently, the applicants shall deposit a total amount of fifty euro (€ 50.00).

Therefore, the applicants approach this Honourable Court and, under its authority, deposit the sum of fifty euro (€50.00) in favour of the respondent covering the redemption of this ground rent as well as the outstanding arrears, so that the said sum may be freely withdrawn by the respondent upon the provision of a receipt in accordance with the law.

(sgd) Av. Georgine Grech, Grech & Grech Associates, Guza Court/1, Triq Ta' Kerċem, Victoria, Gozo

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And

għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 28 ta' Ottubru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

This 28th of October, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2852

Billi Manuel Perez ippreżenta rikors ġuramentat numru 136/2026 (NCD) fl-ismijiet: 'Manuel Perez vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku' fejn talab l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' ibnu Oscar Memminger li jġib in-numru wieħed u disgħin tas-sena elfejn, ħamsa u għoxrin (91/2025).

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 29 ta' Ottubru, 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whereas Manuel Perez filed a writ of summons no. 136/2026 (NCD) in the names 'Manuel Perez -vs– Director Public Registry' demanding correction of his child's Oscar Memminger Act of Birth bearing number ninety-one of the year two thousand and twenty-five (91/2025).

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

This 29th of October, 2026

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2853

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Ottubru, 2026, Rikors numru 962/2026, minn Angele Borg noe fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Nathan Caruana u Hailey Caruana wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom id-decujus is-suċċessjoni ta' Malcolm Caruana, ġuvni, bin Victor Caruana u Mary Anne Grima née Grima, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti l-Imġarr, Malta, u miet in-Naxxar, Malta, fis-

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th October, 2026, Application number 962/2026 by Angele Borg noe, whereby she requested that it be declared open in favour of Nathan Caruana and Hailey Caruana children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Malcolm Caruana, bachelor, son of Victor Caruana and Mary Anne Grima née Grima, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Mġarr, Malta, and died in Naxxar,

27 ta' Diċembru, 2025, ta' 35 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0163590M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 29 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Malta, on the 27th December, 2025, aged 35, and who held identity card number 0163590M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 29th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2854

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Settembru, 2026, Rikors numru 934/2026, minn Marco Camilleri et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Marco Camilleri, Simon Camilleri, Anthony Camilleri, Carmel Camilleri, Luciana Maria Camilleri, Sintyo Camilleri, Joseph Camilleri, Michelle Camilleri, Charles Joe Camilleri, Rita Lina Rose Camilleri, Lina Carmen Zammit u Carmen Marie Borg neputijiet tad-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tnax (1/12) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Innocenza sive Censina Camilleri, xebba, bint il-mejtin Carmelo Camilleri u Michelina née Camilleri, imwielda l-Imqabba, Malta, kienet residenti l-Imqabba, Malta, u mietet il-Mosta, Malta, fil-25 ta' Diċembru, 2024, ta' 97 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0146927M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 29 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th September, 2026, Application number 934/2026 by Marco Camilleri et, whereby they requested that it be declared open in favour of Marco Camilleri, Simon Camilleri, Anthony Camilleri, Carmel Camilleri, Luciana Maria Camilleri, Sintyo Camilleri, Joseph Camilleri, Michelle Camilleri, Charles Joe Camilleri, Rita Lina Rose Camilleri, Lina Carmen Zammit and Carmen Marie Borg nephews and nieces of the decujus in the quota of one part of twelfth (1/12) undivided share each one of them the succession of Innocenza sive Censina Camilleri, unmarried, daughter of the late Carmelo Camilleri and Michelina née Camilleri, born in Mqabba, Malta, resided in Mqabba, Malta, and died in Mosta, Malta, on the 25th December, 2024, aged 95, and who held identity card number 0146927M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 29th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2855

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Ottubru, 2026, fuq rikors ta' Josephine Azzopardi (KI 0179376M) et, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Frar, 2027,

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th October, 2026, on the application of Josephine Azzopardi (ID 0179376M) et, Tuesday, 23rd February, 2027, at half

fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament bin-numru sitta (6) li jinsab fit-tieni sular u jifforma parti minn blokk ta' tnax-il (12) appartament aċċessibbli minn parti komuni li tikkonsisti f'taraġ u lift kif ukoll il-garaxx internament bin-numru wieħed (1) li jinsab fil-pjan terran u huwa aċċessibbli minn mat-triq u b'basement bla numru sottostanti l-imsemmi garaxx, formanti parti minn korp ta' bini magħruf bħala Blokk K fi Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex, li daparti tiegħu jifforma parti minn żvilupp akbar bla numru u magħruf bl-isem 'Tal-Mlieħa Court', b'faċċata fi Triq ix-Xagħra, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, stmati li jiswew mija u tlieta u sittin elf ewro (€163,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Joseph Bonett (KI 697660M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 51/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika Valletta, of the following property:

The apartment internally numbered six (6) which is situated on the second floor level and forms part of a block of twelve (12) apartments accessible from a common part which consists of stairs and lift, as well as the garage internally numbered one (1) which is situated on the ground floor level and is accessible from the street and with an unnumbered basement underlying the said garage, forming part of a building known as Block K in Triq is-Sajjied, Marsalforn, Gozo, part of which forms part of a larger development unnumbered and known as 'Tal-Mlieħa Court', which a facade is in Triq ix-Xagħra, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo, valued at one hundred and sixty three thousand (€163,000).

The said tenement is the property of Joseph Bonett (ID 697660M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 51/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 29th October, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2856

ARB/C124/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-11 ta' Settembru, 2026 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Yana Micallef Stafrace, LLD), li ġie kjarifikat b'digriet mogħti fil 26 ta' Ottubru, 2026, Kumpilazzjoni Numru 783/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

EMANUEL BALZAN, property dealer, ta' 49 sena, iben Joseph u Lucia Balzan xebba Pace, imwieled f'Ħ'Attard, Malta, fil-26 ta' Jannar, 1977, u residenti f'Pawlu u d-Dingli, Flat 2, Is-Salvatur, Limiti tar-Rabat, u/jew Sunrise, Mais 2, Vjal ir-Repubblika, Ħal Għargħur, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 128177M.

ARB/C124/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 11th September 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD), and later clarified by decree dated 26th October 2026, with Compilation Number 783/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

EMANUEL BALZAN, property dealer, 49 years, son of Joseph and Lucia Balzan née Pace, born at Ħ'Attard, Malta, on the 26 th January, 1977, and residing at, Pawlu u d-Dingli, Flat 2, Is-Salvatur, Limits of Rabat, and/or at, Sunrise, Mais 2, Vjal ir-Repubblika, Ħal Għargħur, and holder of Maltese Identity Card bearing number 128177M.

Il-Qorti ordnat is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà, inkluż dik li tkun f'idejn partijiet terzi, li dwarha hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u li żżomm u tipprojbixxi lill EMANUEL BALZAN, milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu, b'dan li l-assi speċifiċi li għandhom jiġu sekwestrati jkunu s-segwenti (jew assi jew proprjetà li jkollhom l-istess valur). L-ammont globali ta' disa' mija u tnax-il elf, mija u tnejn u ħamsin ewro (€912,152) u dan ai termini tal- Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Att dwar Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A, Artikolu 5 u Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 28 ta' Ottubru 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

The Court ordered the attachment of any property, including property held by third parties, in respect of which there are reasonable grounds to believe that such property is liable to confiscation, and further ordered that EMANUEL BALZAN be prohibited from transferring, pledging, hypothecating or otherwise altering, dealing with or disposing of such property, or of any other property belonging to him or held in his possession, whereby the specific assets to be restrained, shall be the following, (or assets or property of equivalent value) of nine hundred and twelve thousand, one hundred and fifty-two euro (€912,152) and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5, Article 23A u Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand Euro and (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 28th October 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2857

ARB/C091/2026 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Kumpilazzjoni Numru 5414/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ADEN GALEA, ta' 32 sena, iben Anthony Galea u Mary Yolanda Galea, imwieled f'Tal-Pietà, Malta, fit-30 ta' Settembru, 1994, u residenti f'55, Flat 1, Triq it-Torri Wejter,

ARB/C091/2026 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 20th October, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). Compilation Number 5414/2026 in the case:

The Republic of Malta

Versus

ADEN GALEA, 32 years, son of Anthony Galea and Mary Yolanda Galea born in Tal-Pietà, Malta, on the 30th September, 1994, and residing at 55, Flat 1, Triq it-Torri

Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 433794M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil ADEN GALEA sabiex jirċievi, fil-kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numru -5583, il-paga mis-soċjetà msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 20 ta' Ottubru, 2026, u sabiex jirtira l-flus derivanti mill-imsemmija paga għall-għejxien tiegħu.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), fit-2 ta' Lulju, 2026, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Awwissu, 2026, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ADEN GALEA.

Illum 29 ta' Ottubru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Wejter, Birkirkara, and holder of a Maltese identity card bearing number 433794M.

The Court AUTHORISED ADEN GALEA to receive, in the bank account held with Bank of Valletta and ending in -5583, the salary from the company mentioned in the Court decree dated 20th October, 2026, and to withdraw the money derivative from the mentioned salary for his livelihood.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD) on the 2nd July, 2026, which was published in the Government Gazette on the 7th of August, 2026, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ADEN GALEA.

Today 29th October, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2858

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-27 ta' Ottubru, 2026 fuq rikors ta' Falzon Edwin (KI 106539M) et ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2027 f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-arja intiża għal kostruzzjoni tal-appartament internament immarkat bin-numru sitta (6), sitwata fir-raba' sular (third floor level), fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn il-blokk mit-triq, formanti parti minn blokk li jismu 'Carlow Court', aċċessibbli minn entratura komuni li tiżbokka fi Triq il-Perit Ġużeppi Farrugia, is-Siġġiewi. Il-blokk imsemmi huwa formanti parti minn kumpless ta' bini imqassam f'erba' blokki, liema kumpless li minnu tali arja tifforma parti, ġie mibni minflok biċċa art fabbrikabbli u in parti barriera li qiegħda s-Siġġiewi, formanti parti mill-art ta' Kirċeppu l-Kbira, liema art kellha tlett faċċati fuq it-triq tal-kejl ta' circa seba' mitt metri kwadri (700mk) kif ukoll biċċa art magħrufa 'Ta' Kirċeppu l-Kbira', b'forma rregolari tal-kejl ta' circa seba' mija disgħa u sebgħin metri kwadri (779mk) liema blokk huwa konfinanti mal-Majjistral ma' Triq il-Perit Ġużeppi Farrugia, Lvant u Nofsinhar ma' beni

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 27th October, 2026 on the application of Falzon Edwin (ID 106539M) et, Thursday, 28th January, 2027 at noon (12:00pm), has been fixed for the Sale By Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The airspace intended for the building of an apartment internally marked number six (6), situated on the third floor level, on the left hand side when one looks towards the block from the street, forming part of a block named 'Carlow Court', accessible from a common entrance that abuts onto Triq il-Perit Ġużeppi Farrugia, Siġġiewi. The said block forms part of a building complex divided into four blocks, which complex that the said airspace forms part of, was built instead of a fabricable land and in part a quarry situated in Siggiewi, forming part of the land of Kirċeppu l-Kbira, which land had three facades onto the street, measuring circa seven hundred square metre (700sqm) as well as a land known as Ta' Kirċeppu l-Kbira, with an irregular area measuring circa seven hundred and seventy nine square metre (779sqm) which block is bounded on the north west by Triq il-Perit Ġużeppi Farrugia, east and south

tal-aventi causa ta' Terres Company Limited, preżentament okkupata minn terzi, mingħajr l-arja tagħha, mill-bqija libera u franka minn ċnus u minn piżijiet u stmata li tiswa' mija u erbgħin elf ewro (€140,000).

Dan il-fond jinkludi sehem indiviż tal-ħitan tal-appoġġ flimkien mas-sidien tal-proprjetajiet adjaċenti, eżistenti u futuri.

Illi l-art surriferita li fuqha ġie żviluppat il-kumpless ta' bini li minnu tifforma parti l-arja surriferita hi deskritta aħjar f'żewġ kuntratti, wieħed fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Martinelli datat is-sitta u għoxrin ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, disgħa u disgħin (26.03.1999) u ieħor datat tlieta ta' Mejju, tas-sena elfejn (03.05.2000) fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Martinelli.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' HITE Investments Limited (C 22556).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 14/2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

with property of the successors in title of Terres Company Limited, presently occupied by third parties, without its airspace, otherwise free and unencumbered from ground rents and other burdens, and is valued at one hundred and forty thousand Euro (€140,000).

This tenement includes undivided share of the dividing walls together with the owners of the adjacent existing and future properties.

That the formerly mentioned land on which the building complex that the above mentioned airspace was developed is better described in two contracts, one in the acts of Notary Dr Carmel Martinelli dated the twenty sixth of March, of the year one thousand nine hundred and ninety-nine (26.03.1999) and another dated the third of May, of the year two thousand (03.05.2000) in the acts of Notary Dr. Carmel Martinelli.

The said tenement is the property of HITE Investments Limited (C 22556).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 14/2025.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 29th October, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2859

B'digriet tas-27 ta' Ottubru, 2026 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12):

B'digriet mogħti mill- Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-15 ta' Settembru, 2026, fuq rikors ta' Aquilina Nolan (KI 0181877M) et, ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2026 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Is-sub ċens annwu u temporanju għar-rimanenza tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali ta' mija u ħamsin (150) sena li bdew jiddekorru mid-9 ta' Novembru, tas-sena 1963 fuq il-boathouse sitwata ma' xatt il-baħar u fil-livell tal-pjan

By a decree given on the 27th October, 2026 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 15th September, 2026, on the application of Aquilina Nolan (ID 0181877M) et, Thursday, 26th November, 2026 at eleven in the morning (11:00am), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The annual and temporary sub ground rent of the remaining original emphyteutical concession of one hundred and fifty (150) years that commenced on the 9th November of the year 1963 of the boathouse situated by the sea shore

terran, inkluż l-arja sovrastanti tagħha bin-numru mija u tmintax (118), fi Triq ix-Xatt ta' Santa Marija, f'Santa Marija Estate, f'Wied il-Għajn taż-Żejtuna, il-Mellieħa, liema proprjetà hija suġġetta għall-użufrutt ta' Agnes Aquilina. L-imsemmija proprjetà tinstab f'żona li n-North West Local Plan jikklassifika bħala żona fejn hemm existing beachrooms li jinsabu barra l-konfini tal-iżvilupp u konfinanti mil-Lbiċ u Grigal ma' proprjetà tas-soċjetà Central Mediterranean Development Corporation Limited jew Cem Med Limited u/jew suċċessuri fit-titlu u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ magħruf bħala x-Xatt ta' Santa Marija jew irjieħ verjuri.

and on ground floor level, including its airspace, numbered number one hundred and eighteen (118), in Triq ix-Xatt ta' Santa Marija, in Santa Marija Estate, Wied il-Għajn taż-Żejtuna, Mellieħa, which property is subject to the usufruct in favour of Agnes Aquilina. The said property is situated in the zone that the North West Local Plan classifies as a zone where existing beachrooms are situated outside the development zone and is bounded south west and north east with property of the society Central Mediterranean Development Corporation Limited or Cem Med Limited and/or their successors in title and north west with an open area known as x-Xatt ta' Santa Marija or other correct boundaries.

Din l-boathouse fiha 3.7 metri b'8.6 metri u tikkonsisti fi spażju miftuħ msaqqaf fuq għoli ta' 2.69 metri bil-konkos u fuq wara hemm taraġ tal-konkos li jitla' f'livell (fih 3.7 metri b'8.6 metri) msaqqaf fuq għoli ta' 2.2 metri. Dan il-livell għandu tieqa fuq quddiem u oħra fuq wara u b'kejl ta' ċirca 32 metru kwadru, u stmata li tiswa' mija, disgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€139,500).

This boathouse measures 3.7 metres by 8.6 metres and consists of an open space roofed at a height of 2.69 metres with concrete and at the back side there is a concrete stairs leading up to a level (measuring 3.7 meters by 8.6 meters) roofed at a height of 2.2 meters. This level has a window at the front side and another at the back side, with an area of about 32 square meters, and is valued at one hundred, thirty nine thousand and five hundred euro (€139,500).

Is-sub ċens annwu u temporanju huwa ta' €11.65 li jirrevedi ruħu wara mitt sena mid-9 ta' Novembru tas-sena 1963 u dan ai termini tal-konċessjoni oriġinali u li għandu jiġi kkalkulat skont Klawżoli 2 sub artikli 5 tal-konċessjoni oriġinali fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tad-9 ta' Novembru tas-sena 1963 u b'att ta' kompromess u varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-enfitewsi tas-17 ta' Mejju, 2021 ġie varjat l-użu tal-proprjetà sabiex jinkludu b'użu residenzjali u storage però mhux użu kummerċjali.

The annual and temporary sub ground rent of €11.65 reviews itself after one hundred years from the 9th November, 1963 according to the terms of the original concession and it should be calculated according to Clause 2 Sub article 5 of the original concession in the acts of Notary Paul Pullicino dated the 9th November,1963 and by a compromise and variation agreement of the emphyteusis conditions of the 17th May, 2021, the use of the property was varied to also include the residential and storage use but not commercial use.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' sehem indiviż ta' disgħa minn għaxra (9/10) lil Nolan Aquilina (KI 181877M) u martu Marita Aquilina (KI 70281M) u f'sehem indiviż ta' wieħed minn għaxra (1/10) lil Mario Aquilina (KI 372083M).

The said tenement is the property of an undivided share of nine from ten (9/10) belonging to Nolan Aquilina (ID 181877M) and his spouse Marita Aquilina (ID 70281M) and an undivided share of one from ten (1/10) belonging to Mario Aquilina (ID 372083M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 13/2025 u wara sentenza mogħtija mill-Onor. Imħallef Henri Mizzi fit-30 ta' April, 2024, Rikors numru 330/2023 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2025 and following a judgement given by the Hon. Judge Henri Mizzi on the 30th April, 2024, Application number 330/2023 in the names above mentioned.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2026.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 29th October, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals